MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2009

Numru. 262/2004

PULIZIJA
SPETTUR FRANS MICALLEF
VS
HENRY SIVE ERIC FARRUGIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Henry sive Eric Farrugia ta’ 52 sena, iben Victor u Mary imwielda Abela, imwieled Hal Luqa fil-5 ta’ Marzu, 1952, residenti ‘Joseph’, Triq il-Gdida, Hal Luqa u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 238552(M);

Illi huwa akkuzat talli:

1) Fis-27 ta’ Jannar 2004 gewwa garaxx numru 2 fi Triq George Zahra f’Hal Luqa ghall-habta tad-disgha u nofs ta’ filghodu, volontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Nureddin El Basha skond kif iccertifika t-tabib Sawicki M.D. ta’ l-Isptar San Luqa;

2) Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-Ligi, izda biss biex jezercita jhedd jew jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nniffsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pusess ta' hwejgu, jew hatt bini, jew kiser il-mixi ta' l-ilma jew ha l-ilma ghalih, jew b'xi mod iehor kontra l-Ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor u cioe' fil-propjeta' ta' Nureddin El Basha;
3) Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, insulenta lil Nureddin El Basha bil-kliem 'gbartek miz-zibel tal-Libja';
4) Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, hebb ghal Nureddin El Basha biex idejqu u jaghmillu hsara;
5) Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Il-Qorti qiegheda gentilment tigi mitluba tipprovdi ghas-sigurta' ta' Nureddin El Basha billi torbot lil Henry Farrugia bil-garanzija taht l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta ( ara fol 16 et sequitur) li fis-27 ta' Jannar 2004, waqt li Basha kien qieghed f'garaxx f'Hal Luqa, dahal l-imputat li jigi missier il-mara tieghu. Il-kwerelant Basha jghid illi talbu x'ried u l-imputat deher illi ried jidhol fil-garaxx biex jindaga fuq l-affarijiet li kellu mahzuna hemm gew.
Il-kwerelant xehed illi huwa pprova jwaqqfu izda l-imputat beda jimbuttah u baqa jgharrex fost l-affarijiet halli jara x'kien hemm fil-garaxx. Il-kwerelant xhed illi meta ra hekk, huwa cempel lil Pulizija minn fuq il-*mobile*

**"u kif cempilt l-ghassa ezatt qed nara subghajja jigifieri mghawweg". *( L-index finger* tax-xellug)**

Il-kwerelant a fol 19 ma tax spjegazzjoni preciza ta' kif wegga subghajh il-ghaliex qal illi kollox gara ta' malajr. Hadd iehor ma kien hemm fil-garaxx.

Gie ezebit Certifikat Mediku DOK EB u rapport ta' Dr. Basmadjian DOK EB1 a fol 29 u 30 fejn jirrizulta illi l-imputat sofra minn qtugh ta' *extensor tendon* tal-*index finger* tal-id xellugija tieghu liema gerha giet klassifikata bhala griehi ta' natura gravi perdurata.

Illi l-kwerelant jghid illi huwa kien izzewweg lil bint l-imputat fl-24 ta' Gunju 1994 u kien isseperat minnha. Il-kwerelant afferma li l-imputat kien dahal biex jistaqsieh *telephone number* ta' habib tieghu li minghandu kien xtara xi karozza. Mistoqsi kemm il-darba l-imputat dahalx fil-garaxx il-ghaliex ra l-mobbli kollha ta' bintu (li kienu gew mehuda mid-dar konjugali), l-imputat baqa jinnega minkejja d-diversi twissijiet moghtija mill-Qorti. L-imputat ammetta li martu ma kellhiex cavetta ta' dan il-garaxx. L-imputat ammetta wkoll illi l-konsenja tal-ghamara li giet apporzjonata ghalih fis-separazzjoni saret **wara** l-incident meritu tal-akkuza (ara fol 24). Illi a fol 24 u 25, il-kwerelant baqa jilghab bid-diskors u meta ppressat innega li kien hemm xi ghamara tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan il-garaxx. Il-kwerelant innega illi kisser in-nuccali tal-imputat pero' jammetti li mbuttah. Il-kwerelanti jghid illi aktar tard dak inhar ra lill-imputat bil-karozzi. Is-separazzjoni personali bejn mart il-kwerelant u l-kwerelant giet iffinalizzata qabel id-data li fiha xhed il-kwerelant.

PC663 Scriha xhed a fol 33 et sequitur illi kien ircieva telefonata mill-kwerelant li allega li kien qed jigi attakkat mill-imputat. Illi PC Scriha acceda fuq il-post u sab il-partijiet qeghdin jilletikaw u li il-kwerelant Basha allega li l-imputat kien aggredih. PC Scriha xhed li l-argument kien dwar il-fatt li l-imputat ried jidhol fil-garaxx ta' El Basha halli jara x'kien hemm f'dan il-garaxx. PC Scriha kkonferma illi l-kwerelant kien qieghed fi proceduri ta'

separazzjoni ma' martu li kienet it-tifla tal-imputat. In kontro ezami PC Scriha ma setghax jiftakar li Farrugia urieh nuccali mkisser, li kellu grif fuq wiccu u li fil-garaxx kien hemm l-ghamara ta' bint l-imputat. L-anqas ma seta jiftakar jekk din l-ghamara kinietx mghottija bil-lozor.

WPS120 Caroline Jacono a fol 36 et sequitur ikkonfermat ix-xhieda ta' PC Scriha. Hija kkonfermat li Farrugia lmenta li kellu n-nuccali mkisser.

Dr. Beppe Micallef Trigona a fol 45 et sequitur ikkonferma DOK X illi huwa certifikat mediku u kklassifika l-griehi bhala dawk ta' natura hafifa. Huwa sostna li l-kwerelant ma sofriex minn fratturi ta' sebgha u kien jehtieglu biss li ssirlu *splint* ghal gimghatejn.

Ex Spettur Yvette Farrugia kkonfermat ix-xhieda tal-Pulizija dwar l-incident illi sehh fil-garaxx bejn il-partijiet u dak illi rrizulta lill-Pulizija illi accedew fuq il-post. Illi El Basha nformha illi kien dahal l-imputat fil-garaxx tieghu, ried jiftah xi kaxex illi kien hemm fil-garaxx u li El Basha prova jwaqqfu. Kien hemmhek illi Farrugia mbuttah, gibdu minn idejh u tah daqqa ta' ponn f'wiccu.

Illi l-Ispettur Farrugia investigat lill-imputat li rrilaxxa stqarrija wara li l-imputat gie medikat ghall-griehi li sofra. L-imputat informa lill-Pulizija illi huwa kien mar jitlob lil El Basha ghal *telephone number* fil-garaxx tieghu. L-imputat kien jaf minghand bintu illi El Basha kien ha xi ghamara mid-dar konjugali u pprova jidhol fil-garaxx sabiex jara x'kien hemm taht l-oggetti illi kienu mghottija b'xi lozor. Illi kif ipprova jaghmel hekk, El Basha beda jsawwtu, imbuttah u kissirlu n-nuccali li kien imdendel ma' ghonq Farrugia. Illi Farrugia pprova jiddefendi lilu nnifsu pero' qatt ma xtaq iwegga lill-kwerelant. L-istqarrija giet ezebita bhala DOK YF.

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid:

**"Nghid li jien lil Nurredin dejjem stmajtu bhala wiehed minn uliedi. Nghid li dan kellu l-*cash* tal-*business* f'idejh u access ghal kullimkien inkluz id-dar tieghi.**

**Nghid ukoll li anke meta kien gharus jien tajtu fejn joqghod ukoll.”**

Fil-verbal a fol 44 id-difiza ezentat il-prosekuzzjoni mill-produzzjoni tax-xhud tal-istqarrija u l-imputat accetta l-volontarjeta’ tal-istqarrija tieghu.

Dr. A. Basmadjian ikkonferma DOK EB1 pero’ kkonferma illi l-griehi fil-fatt kienu ta’ natura hafifa u dak li gara kien biss minhabba li l-kwerelant mar ghand it-tabib hlief wara hafna zmien.

L-imputat Henry Farrugia xhed dwar ir-retroxena ta’ qabel dan l-incident fejn il-kwerelant li kien mizzewweg ma’ bintu kien qed jaqla hafna kwistjonijiet inkluz kwistjonijiet fil-*business* il-ghaliex l-imputat kien dahhal lil kwerelant biex jahdem mieghu. Maz-zmien il-kwerelant kellu l-*business* *(*ta’ importazzjoni ta’ karozzi u xoghol ta’ *mechanic* u ta’ *electrition* tal-karozzi) kollu f’idejh. Illi wara z-zwieg beda jinqala l-inkwiet bejn bintu u l-kwerelant u jidher illi l-kwerelant kien qieghed jaghmel negozju mal-Libja minn wara dar l-imputat. L-imputat xhed illi l-kwerelant sahansitra kien xtara propjeta u beda jibniha minn wara dahar martu. L-imputat xehed illi minkejja illi kien jidher illi qed isir hafna attivita’ fil-*business* huwa beda jinduna li ma kien qed jibqalu xejn u finanzjarjament il-*business* beda sejjer lura hafna. Illi r-relazzjoni bejn bintu u l-kwerelant kienet ippeggorrat u bdew il-proceduri ghas-separazzjoni u b’kumbinazzjoni l-imputat sab lil kwerelant go garaxx li bintu certament ma kinitx taf bih. Illi huwa dahal fil-garaxx tal-kwerelant biex jistaqsieh ghal *telephone* ta’ habib tieghu u l-kwerelant ma wegbux. Illi ghaldaqstant dahal iktar il-gewwa biex jerga jitolbu u jinduna li fil-garaxx kien hemm hafna merkanzija inkluz mera u mejda illi kien irregala lil bintu u lill-kwerelant huwa stess. Illi l-ghamara kienet mghottija bil-*canvas* u huwa pprova jara x’kien hemm meta l-kwerelant beda jghajjat mieghu u mbuttah il-barra, tah daqqa ta’ sieq, kissirlu n-nuccali waqt li l-imputatipprova jiddefendi lilu nnifsu u nfurmah li se jghid lill-bintu bil-garaxx u l-kontenut tieghu. L-imputat stqarr illi fl-ebda hin ma aggredixxa lill-kwerelant u li dan wegga meta mar jimbotta lill-imputat. L-imputat xehed li dejjem

ittratta mal-imputat bhala wiehed mill-familja, li kien stmah, li tah dar fejn joqghod, qasam il-*business* mieghu u li sahansitra l-kwerelant kellu c-cavetta tad-dar tal-imputat.

Josianne Farrugia a fol 82 bint l-imputat xhedet dwar iz-zieg taghha mal-kwerelant kif missierha dahlu fil-*business* taghhom, kif kienu jafdawh bil-flus u l-*business* kollu u kif sahansitra tahom id-dar fejn joqghodu. Hija kkonfermat illi r-relazzjoni taghha mal-kwerelant ma rnexxietx u sseparaw. Hija xhedet illi l-kwerelant kellu propjeta ohra u garaxx illi kien mikri, li ghalihom hija ma kelliex access. Illi meta kienu fis-separazzjoni, l-imputat kien sakkar il-bibien kollha tal-kmamar tad-dar b’mod li hija ma setghetx tgharaf x’ghamara kien ghad fadal f’din id-dar. Illi hija kkonfermat a fol 84 illi qatt ma dahlet fil-garaxx tal-kwerelant izda minn barra hija rat l-ghamara taghha. Illi meta fl-ahhar infethu l-kmamar tad-dar konjugali, hija ndunat illi hafna mill-ghamara kienet ghebet “Jien spiccajt kwazi b’xejn” (ara xhieda pg 84). Josianne Farrugia kkonfermat illi missierha, wara l-incident, hareg izzappap u bin-nuccali mkisser. Josianne Farrugia xhedet illi zewgha twil xi *5 feet 7 inches* u li kien itwal minnha pero’ missiera kien persuna ta’ statura zghira hafna u kien iqsar sew minnha.

Ikkonsidrat:

Mill-assiem tal-provi jirrizulta b’mod evidenti illi l-griehi tal-kwerelant kienu griehi ta’ natura hafifa u mhux dawk ta’ natura gravi kif inizjalment kienet l-opinjoni Dr. Basmadjian. Dan qieghed jinghad mhux biss il-ghaliex il-Qorti ghandha l-konfort tac-certifikat mediku u x-xhieda dettaljata ta’ Dr. Beppe Micallef Trigona izda b’mod aktar sinjifikanti Dr. Basmadjian biddel l-opinjoni inizjali tieghu, ikkonferma li l-griehi oggettivament kienu dawk ta’ natura hafifa l-ghaliex *torn tendon* originarjament tfiq f’gimghatejn. Illi dak li gara kien a kawza tal-fatt illi l-imputat ittrasskura u ma ghamilx dak li kellu jaghmel.

Ikkonsidrat:

Illi apparti illi mill-provi fuq prodotti l-Qorti tgharaf illi fil-kaz in ezami jirrizulta se mai biss griehi ta’ natura hafifa, din il-Qorti trid tezamina kemm-il darba dawn il-griehi hfief fil-fatt sarux mill-imputat.

Illi mill-provi illi ngabu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti, huwa car illi din il-Qorti ma tistax takkorda affidabilita lil verzjoni tal-fatti kif mghotija minn El Basha. Dan qed jinghad il-ghaliex l-imputat huwa bniedem ta’ statura zghira hafna, ta’ eta’ matura (jekk mhux anzjan ad direttura), ta’ dispozizzjoni timida u din il-Qorti ssibha difficli hafna biex tifhem kif persuna ta’ din l-istatura u temperament jista jahbat ghal ragel fl-aqwa tieghu u ragel ferm itwal mill-imputat. Illi apparti minn dan, jekk wiehed jara t-testimonjanza ta’ El Basha, wiehed mill-ewwel jintlaqat mill-fatt illi El Basha ma setgha jaghti ebda spjegazzjoni ta’ kif weggha jdejh minkejja d-domandi kollha li sarulu u jaspetta illi gudikant jilqa l-verzjoni tieghu fl-ghama.

Il-Qorti mbaghad kellha l-opportunita illi tisma x-xhieda tal-imputat u dik ta’ bintu Josianne Farrugia, mart El Basha u tgharaf illi t-testimonjanza taghhom hija kredibbli u vero simili u ghandha mis-sewwa u jidher b’mod car illi l-imputat u bintu kienu ppremjaw lill-kwerelant bil-fiducja pjena taghhom, bil-*business* taghhom, bil-propjeta taghhom u bi flushom waqt li l-kwerelant hadem minn wara l-kwinti biex jiehu dak kollu li seta.

Illi ghal dawn il-mottivi l-Qorti bl-ebda mod ma tista taghti affidibilita ghal-verzjoni tal-kwerelant u tgharaf illi l-verzjoni tac-cirkostanzi moghtija mill-imputat dwar il-manjiera li biha wegga El Basha, hija kredibbli u ta’ min joqghod fuqha.

Illi ghal dawn il-mottivi ssib l-imputat mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------